# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 2**

**Rikors numru 18/01 GCD**

**Ronald Agius**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali, fit-3 ta' Awissu 2001 ippronunzjat is-segwenti sentenza :-

> "F'din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob il-harsien tad-drittijiet fondamentali tieghu mharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem ghax qieghed ighid illi dawn id-drittijiet sejrin jinkisru meta l-Avukat Generali jithalla jressaq xiehda

godda quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fi proceduri ta' estradizzjoni kontra tieghu.

Ir-rikors tal-25 ta' Lulju 2001 li bih inbdew il-proceduri tallum ighid illi fit-2 ta' Marzu 2001 inhareg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mandat ta' arrest provvizorju kontra tieghu ghal ghanijiet ta' estradizzjoni, u fil-5 ta' Marzu 2001 tressaq quddiem il-Qorti tal-(Magistrati) Malta bhala Qorti Istruttorja — il-"qorti rimandanti" ghall-ghanijiet ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) — li fl-1 ta' Gunju 2001 iddecidiet hekk:

Ghaldaqstant din il-qorti, wara li ezaminat il-provi kollha mressqa quddiemha, in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma li **ma giex provat kaz *prima facie*** fil-konfront ta' Ronald Agius rispettivament ghall-attività kriminuza li allegatament sehhet fis-27 t'Ottubru 1998, u tiddeciedi konsegwentement li ma hemmx evidenza bizzejjed sabiex tigi sostnuta t-talba ghat-treggigh lura tieghu lejn l-Istat Taljan.

Konformement, tordna r-rilaxx ta' l-imsemmi Ronald Agius, salv dak li hemm kontemplat fil-*proviso* kontenuta fl-artikolu 15 tal-Kap. 276. *In fine* tordna li a tenur ta' l-art. 19(1) Kap. 276 dawn l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien stipulat fl-istess artikolu.

Fl-1 ta' Gunju 2001 l-Avukat Generali appella minn dik id-decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u, waqt is-smigh ta' l-appell, fil-25 ta' Gunju 2001 u wkoll fil-11 ta' Lulju 2001 ipprezenta nota bi provi addizzjonali li ma kienux tressqu minnu qabel, fil-proceduri kontra r-rikorrent. Dawn il-provi, ighid ir-rikorrent, kienu f'idejn il-pajjiz li qed jitlob l-estradizzjoni u f'idejn l-Avukat Generali sa minn qabel is-smigh quddiem l-ewwel qorti rimandanti, izda l-intimat kien naqas milli jressaq dawk il-provi quddiem dik il-qorti.

Ir-rikorrent kien oppona ghall-produzzjoni ta' dawk il-provi u talab li l-qorti ma thallix li jitressqu. B'decizjoni moghtija fit-23 ta' Lulju 2001 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet cahdet dik it-talba tar-rikorrent.

Ir-rikorrent issa qieghed ighid illi l-ammissjoni tal-provi f'dan l-istadju qieghda ccahhdu mill-beneficcju tad-dritt t'appell, ghax issa l-qorti tat-tieni istanza qieghda tigi mitluba mhux biex tezamina l-proceduri quddiem l-ewwel qorti fid-dawl tal-provi mressqa quddiem dik il-qorti, izda sabiex tezamina mill-gdid it-talba ta' l-intimati ghall-estradizzjoni tar-rikorrent fid-dawl ta' provi godda, u hekk taghmel dak li ghandu jsir minn qorti ta' l-ewwel istanza. Li kieku l-provi kienu ngiebu quddiem l-ewwel qorti, ir-rikorrent kien ikollu dritt ta' appell minn decizjoni fuq dawk il-provi,

waqt li issa r-rikorrent ma hux sejjer ikollu dritt jappella mid-decizjoni li sejra tinghata mill-qorti tat-tieni istanza wara li din terga' tezamina mill-gdid it-talba ta' l-intimati fid-dawl ta' provi godda.

Ir-rikors ikompli jghid illi issa qieghda tithalla tinholoq sitwazzjoni fejn wahda mill-partijiet tinqeda bid-dritt ta' appell biex — wara li l-ewwel qorti tkun qalet li dik il-parti kienet naqset milli ggib provi bizzejjed kif trid il-ligi — taghmel tajjeb ghal nuqqas taghha, u hekk iddghajjef u ggib fix-xejn id-drittijiet bazici li kull persuna ghandha fi proceduri, fosthom id-dritt ta' appell moghti mill-istess Att dwar l-Estradizzjoni.

Ghalhekk, ighid ir-rikorrent, l-ammissjoni ta' provi godda quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali twassal ghac-cahda tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u tad-drittijiet moghtija lil kull parti f'kull procedura mharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Barra minn dan kollu, ir-rikorrent ighid ukoll illi l-art. 22(3) ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni wkoll huwa bi ksur ta' dawk id-drittijiet fondamentali. Dan is-sub-artikolu jghid hekk:

> (3) Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Generali, skond il-kaz, ikun jista' kif ukoll tkun tista' l-persuna li t-treggigh lura taghha ikun qed jigi mitlub, jipproduci provi quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux ingiebu quddiem il-qorti rimandanti

B'konsegwenza ta' dak li jghid dan is-sub-artikolu kull min jingiebu kontra tieghu dawk il-provi li ma jkunux ingiebu quddiem l-ewwel qorti rimandanti ikun imcahhad minn dawk id-drittijiet fondamentali, u wkoll mid-dritt ta' appell jew ta' ri-ezami, aktar u aktar meta dawk il-provi jkunu maghrufa minn, u f'idejn, dik il-parti li taghzel li tressaqhom fit-tieni istanza.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent talab illi din il-qorti:

1. tghid illi d-drittijiet tieghu mharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem gew u qeghdin jigu miksura bis-sentenza *in parte* moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 2001 li biha thellew jitressqu provi godda fi stadju ta' appell;

2. thassar is-sentenza tat-23 ta' Lulju 2001, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

3. taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrulha xierqa u mehtiega sabiex jitharsu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent; u

4. tghid illi l-art. 22(3) ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent imharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-intimati wiegbu fit-30 ta' Lulju 2001.

Din il-qorti taqbel ma' l-intimati li dawn il-proceduri mibdija mir-rikorrent huma intempestivi u prematuri, u f'dan l-istadju huma frivoli u vessatorji, ghax l-intimat ghad ghandu rimedji ordinarji li jistghu jwasslu biex dawn il-proceduri tallum ikunu nbdew ghalxejn.

Il-proceduri ghall-estradizzjoni kontra r-rikorrent ghadhom ma nghalqux. Intqal kemm-il darba minn dawn il-qrati u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi d-dritt ta' smigh xieraq ghandu jitqies fid-dawl tal-proceduri fit-totalità taghhom, u mhux fid-dawl ta' episodji procedurali meqjusa wiehed wiehed.

... ... ... the Court must consider the proceedings as a whole including the decision of the appellate court (see, amongst other authorities, the Helmers v. Sweden judgment of 29 October 1991, Series A no. 212, p. 15, para. 31). ... ... ... The Court's task is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair (see, *inter alia*, the Vidal v. Belgium judgment of 22 April 1992, Series A no. 235-B, pp. 32-33, para. 33). (Edwards kontra r-Renju Unit, ECHR 16 ta' Dicembru 1992, para. 34. Ara wkoll Stanford kontra r-Renju Unit, ECHR 23 ta' Frar 1994, para. 24).

Meta l-proceduri ghadhom ma ntemmewx, u ghadu mhux maghruf x'siwi sejjer ikollhom il-provi l-godda, u x'piz u x'relevanza sejrin jinghatawlhom fid-decizjoni finali, u ghadu wkoll mhux maghruf jekk ir-rikorrent hux sejjer jitregga' lura lejn il-pajjiz li talab l-estradizzjoni, jew jekk it-talba ghall-estradizzjoni hix sejra tigi michuda, huwa ghal kollox prematur u intempestiv ir-rikors tallum ghax jista' jkun li r-rikorrent jinghata rimedju bizzejjed waqt il-proceduri ordinarji.

Dan l-argument huwa msahhah fil-kaz tallum bl-art. 16 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, li jghid specifikament li, qabel ma titregga' lura, jinghata lill-persuna interessata zmien bizzejjed biex tfittex rimedji kostituzzjonali jekk ikun il-kaz:

**16.** Meta persuna tintbaghat f'kustodja skond l-artikolu 15 ta' dan l-Att, il-qorti ghandha, barra milli tgharrafha li ma tkunx se

titregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mid-data ta' l-ordni ta' kustodja ... ... ... tgharrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li ... ... ... xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija, tkun giet jew x'aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni.

Kien ghalhekk illi, fis-sentenza tat-12 t'April 1991, *in re* **Colin John Trundell *versus* Ministru ta' l-Affarijiet Barranin *et*** *(Kollezzjoni, Vol. LXXV-I-197)*, il-Qorti Kostituzzjonali kienet osservat illi "ghandhom fl-ewwel lok jigu ezawriti l-mezzi ta' rimedju possibbli ghall-aggravji lamentati qabel ma tigi interpellata din il-qorti".

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha jidher car illi t-talbiet tar-rikorrent huma manifestament prematuri u intempestivi, u huma mahsuba biss biex ifixklu l-proceduri ta' estradizzjoni u ma jhallux li dawn jimxu l-*iter* normali taghhom; il-qorti ghalhekk, u billi r-rikorrent ghandu mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja ghall-ksur allegat, taghzel li ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali, ma tqisx aktar dan il-kaz, u tehles lill-intimati mill-harsien tal-gudizzju.

Ir-rikorrent ghandu jhallas l-ispejjez gudizzjarji kollha."

**APPELL**

Minn din is-sentenza apella r-rikorrent Ronald Agius b'aggravju li jista' jigi hekk puntwalizzat :-

1. L-allegata vjolenza tal-jedd fondamentali appellant hi rizultat dirett tal-ammissjoni ta' xhieda u provi godda quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali prezentati fl-awtorizazzjoni taghha mill-Avukat Generali. Dan il-fatt wahdu wassal ghac-cahda tad-drittijiet tad-difiza u ta' pportunita' ta' appell ghar-rikonsiderazzjoni tal-kaz kif ezaminat mill-Qorti tal-ewwel istanza. L-appellant jissottometti illi l-allegata vjolazzjoni qamet hekk kif

l-Avukat Generali ipprezenta quddiem il-Qorti tat-tieni istanza provi li huwa kien naqas milli jipprezenta quddiem l-ewwel Qorti u kien f'dak il-mument li beda jigi lez id-dritt tieghu u konsegwentement il-proceduri taht ezami saru tempestivament wara li kienu gew ezawriti r-rimedji kollha skond il-ligi ordinarja.

2. Dan ifisser li ma kienx mehtieg illi wiehed jistenna l-ezitu tal-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaliex in-nuqqas ta' smiegh xieraq beda b'mod immedjat mill-mument li gew ammessi provi godda minn dik il-Qorti nonostante li l-intimati u l-pajijiz fuq it-talba ta' min gew istitwiti dawn il-proceduri kienu jafu bihom u dan ghal diversi snin qabel nibdew il-proceduri quddiem il-Qorti rimandanti.

3. Is-sentenza finali ma tistax tiggustifika b'mod retrospettiv vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq ghaliex il-vjolazzjoni tkun fil-fatt diga' sehhet. Ikun diga' gie negat id-dritt tal-appellant biex ikun f'posizzjoni jipprezenta d-difiza tieghu b'mod xieraq.

4. L-aggravju tal-appellant allura kien bazat fuq stat ta' fatt li sehh qabel ma wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-piz, is-siwi jew ir-rilevanza tal-provi li l-Avukat Generali ried jipproduci. Il-vjolazzjoni tibqa tissussisti nonostante l-kwalita' tal-provi li jkunu gew ammessi u li jkunu gew ezaminati mill-Qorti u jkunu allura influwenzaw l-ezitu finali fuq il-mertu. Wiehed ma jistax jippermetti sitwazzjoni tal-vjolazzjoni tad-dritt

fondamentali semplicement ghaliex forsi jigi sanat b'sentenza finali fuq il-mertu.

5. Dak li huwa mehtieg mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-guridizzjoni lilha moghtija hu li jkun hemm rimedju ordinarju li jkun wiehed effettiv. Tali rimedju l-appellant jissottometti li diga' kien ezawrieh. Konsegwentement ma jistax jaqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta kkunsidrat il-prezenti proceduri bhala manifestament prematuri u intempestivi mahsuba biss biex ifixklu l-proceduri ta' estradizzjoni u ma jhallux li dawn jimxu bl-iter normali taghhom.

**<u>IR-RISPOSTA</u>**

L-intimati appellati jopponu dan l-aggravju u jsostnu illi li kieku kellha din il-Qorti ma taccettax l-intempestivita' kif korrettement deciz mill-ewwel Qorti, kien ikollha tiddikjara t-talba fir-rikors promotur bhala frivola u vessatorja. Jissottomettu s-segwenti :-

(a) Li allegazzjoni ta' ksur ta' smiegh xieraq kellha tigi ezaminata fil-kuntest tal-process fl-intier tieghu u mhux b'ezami *in vacuo* ta' xi aspett wiehed tal-process kif jirrizulta stabbilit fil-kazistika ta' din il-Qorti.

(b) Il-parti allegatament aggravata kellha qabel xejn tezawrixxi r-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghha u l-proceduri f'sede ta' appell huma l-aktar rimedju ordinarju li ma jigix ezawrit mal-ewwel

provvediment interlokutorju li taghti l-Qorti izda bid-decizjoni finali tal-Qorti.

(c) Dak li verament qieghed jilmenta minnu r-rikorrent ma hux li dak li pprovdiet l-ewwel Qorti lleda xi dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq izda qieghed jilmenta li ma hux ser ikollu dritt ta' appell a bazi tal-provi prodotti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ma jezisti ebda dritt fondamentali ta' appell, la minn xi decizjoni ta' l-ewwel Qorti u lanqas minn xi decizjoni tat-tieni istanza. Ir-regola applikata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali hi regola applikabbli ghall-partijiet kollha fil-process inkluz l-appellant li hu wkoll jista' jressaq il-provi li jidhirlu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali anki jekk dawn ma pproducihomx fl-ewwel istanza. Il-provi ma gewx prodotti klandestinament izda gew prodotti bil-konsapevolezza piena tal-appellant li ghandu l-facilitajiet kollha biex jikkombattihom. Id-drittijiet processwali ghal *equality of arms* u ghal smiegh xieraq b'ebda mod ma gew mittiefsa.

(d) L-appellati finalment jissottomettu ghal kull buon fini illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma humiex applikabbli ghal procedimenti ta' estradizzjoni. Id-decizjoni ta' din il-Qorti tat-13 ta' April 1991 fil-kaz ta' Colin John Trundell f'dan ir-rigward m'ghandhiex tigi segwita ghaliex erroneja fid-dritt u bazata fuq intendiment u interpretazzjoni ghal kollox zbaljata tal-effett tal-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276), li dwaru, kif jirrizulta minn dik

is-sentenza stess, il-partijiet f'dik il-kawza ma kellhomx l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Importanti qabel xejn li jigi premess illi l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jemanu mill-provvedimenti tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276). Ligi specjali li hi mahsuba biex tipprovdi ghal u dwar l-Estradizzjoni, ghal u minn pajjizi ohra ta' persuni akkuzati b'reati jew misjuba hatja ta' reati. Dana f'pajjizi ohra barra mill-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Ligi specjali bil-finalita' preciza li tipprovdi ghat-treggigh lura ta' min jaghmel reati lejn pajjizi tal-Commonwealth u treggigh lura ta' min jaghmel reati lejn pajjizi ohra barranin. Fil-kaz tal-ewwel b'mod esklusiv u inklusiv lejn il-pajjizi kollha tal-Commonwealth, fil-kaz tat-tieni b'applikazzjoni ghal kull pajjiz li mieghu jkun hemm jew ikun sar arrangament ghat-treggigh lura lejh ta' kull kriminali mahrub. L-artikolu 11(1) tal-Att jipprovdi li persuna m'ghandhiex titregga' lura skond dak l-Att ghal xi pajjiz jew tintbaghat jew tinzamm f'kustojda ghall-finijiet ta' dak it-treggigh lura, jekk il-Ministru, fl-ezercizzju ta' xi setgha moghtija lilu, jew rizervata mill-Gvern f'arrangament jew dwar xi arrangament, ikun hekk ordna. L-artikolu 13(1) jipprovdi inter alia illi xejn ma ghandu jsir dwar persuna skond dak l-Att hlief bis-sahha ta' ordni tal-Ministru, mahrug fuq talba maghmul bil-miktub lill-Ministru minn jew f'isem il-Gvern tal-pajjiz tal-Commonwealth specifikat jew tal-

pajjiz barrani specifikat, li fih il-persuna li ghandha tigi mregga' lura hi akkuzata jew kienet misjuba hatja.

Anke minn dawn id-disposizzjonijiet biss, hu car illi d-decizjoni fir-rigward ta' talba ghall-estradizzjoni tirrisjedi finalment f'idejn l-ezekuttiv fil-persuna tal-Ministru u hi essenzjalment ezekuzzjoni ta' ftehim reciproku bejn stati sovrani.  Fil-kaz ta' Malta l-Istat ipprovda ghall-verifika gudizzjarja tac-cirkostanzi li mmotivaw it-talba ghall-estradizzjoni u li wasslet ghall-mandat ta' arrest tal-persuna mahrug mill-Magistrat tal-Pulizija gudizzjarja kontra l-persuna akkuzata b'reat ta' estradizzjoni jew li jkun allegat li tkun hielsa kontra l-ligi wara li tkun instabet hatja ta' dak ir-reat.  Dik il-verifika gudizzjarja issir mill-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja bhala Qorti ta' kumpilazzjoni bis-setgha li tibghat f'kustodja jew tehles mill-arrest bi pledge lill-persuna migjuba quddiemha.  Fl-artikolu 16 tal-Att imbaghad, il-ligi tipprovdi wkoll ghad-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali lill-persuna li tintbaghat kustodja mill-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja.  Il-persuna mibghuta f'kustodja kellha wkoll finalment id-dritt illi, jekk jidhrilha li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 10 tal-Att tkun giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta kienet jew tkun qeghda jew x'aktarx tkun ser tigi miksura, tista' tirrikorri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

Minn dawn ir-riferenzi bazici rigward il-kostruzzjoni tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276), jidher car illi din il-legislazzjoni tinkwadra ruhha sewwa f'istituti ohra Ewropej tal-istess xorta b'mod li l-gurisprudenza tal-organi gudizzjarji Ewropej kienet tattalja ruhha perfettament mal-provvedimenti taghha u setghet tigi ghaliha applikata.

(a) "The European Convention on Human Rights and its Protocols particularly as elaborated through the case law have established a number of principles and protections that any individual facing expulsion <u>or extradition</u> may raise to challenge the implementation of such a decision. ……. In regard to extraditions, which are almost universally governed by bilateral treaties that normally set forth rather restringent requirements to activate the process, the arguments an individual might successfully raise under the European Convention are correspondingly narrower, being limited only to allegations of the high probability that the individual being extradited could be subjected to serious mistreatment prohibited under article 3" (Law and Practice of the European Convention on Human Rights and European Social Charter Gromian Harris and Zwaak pgs 363 et sec).

(b) Dan fir-rigward tal-jeddijiet sostantivi li l-individwu seta' invoka bhala protezzjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu taht il-Konvenzjoni. Hu pero' l-lat procedurali li kien jinteressa lil din il-kawza in kwantu l-appellant qed jinvoka l-protezzjoni tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li intrisikament jestendu garanziji

procedurali ta' smiegh xieraq lill-persuna akkuzata b'reat. "Procedural protections present a more complicated picture …… At the outset it is important to note the constant jurisprudence of the Strasbourg organs that the decision to deport a person does "non involve a determination of a civil right and obligation or of a criminal charge against him" within the meaning of article 6 of the Convention." Sa hawn is-sottomissjoni tal-appellati fir-risposta taghhom tirrizulta korretta fl-istat tal-gurisprudenza llum.

(c) Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser illi fejn il-ligi domestika (fil-kaz ta' Malta l-Kap. 276) jipprovdi ghal process gudizzjarju kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni istanza biex jigi determinat jekk kienux jokkorru l-estremi biex tigi akkordata t-talba ghall-estradizzjoni u biex jinghata parir lill-Ministru f'dan ir-rigward, il-kondotta ta' dawk il-proceduri setghu jsiru in vjolazzjoni tar-regoli li jiggarantixxu smiegh xieraq kif jezigu l-artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Principji dawn certament riflessi fl-istess disposizzjonijiet tal-Kap. 276 intizi proprju biex jassiguraw mhux biss id-dritt li l-persuna mressqa quddiem il-Qorti ta' Pulizija Gudizzjarja jkollha l-jedd tissottometti ragunijiet kontra l-estradizzjoni taghha kif ukoll li jkollha l-jedd li l-kaz taghha jigi rivedut mill-Qorti tat-tieni istanza imma wkoll li jassiguraw bilanc gust bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza fl-osservanza tal-principju tal-*equality of arms*.

Hu allura rilevanti u sinifikattiv ghall-kaz taht ezami l-artikolu 22 (3) tal-Kap. 276 li jipprovdi testwalment illi "l-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Generali, skond il-kaz, ikun jista' kif ukoll tkun tista' l-persuna li t-treggigh lura taghha jkun qed jigi mitlub, tipproduci provi quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux ingiebu quddiem il-qorti rimandanti". Din id-disposizzjoni tolqot proprju l-mertu tal-prezenti procedura mhux biss tqieghed f'posizzjoni ta' assoluta parita' l-prosekuzzjoni u d-difiza in materja ta' produzzjoni ta' provi fl-istadju ta' appell imma wkoll tipprovdi garanzija addizjonali kemm favur kif ukoll kontra l-estradizzjoni in kwantu tassigura illi sal-ahhar mument qabel tigi deciza finalment it-talba ghall-estradizzjoni, iz-zewg partijiet ikollhom l-opportunita' illi jissottomettu ghall-ezami tal-Qorti tal-Appell kull prova li jidhrilhom relevanti anke jekk din ma tkunx ingiebet quddiem il-Qorti rimandanti. Dan minghajr ebda limitazzjoni jew kundizzjoni.

Tenut kont kif inghad illi l-Kap. 276 hu ligi specjali b'finalita' proprja li kellha tigi milhuqa tramite process gudizzjarju partikolari bi procedura appozita, kienet inevitabbli l-konkluzjoni illi l-provvedimenti procedurali tal-Kodici Kriminali ma kienux applikabbli ghal dan l-istitut hlief fejn u sa fejn kien hekk indikat fil-provvedimenti stess tieghu. Fost dawn il-provvedimenti m'hemmx indikat dawk li jirregolaw il-procedura fir-rigward tal-produzzjoni ta' provi godda fi stat ta' appell. Il-Kap. 276 innifsu jinkorpora artikolu ad hoc li jirregola l-produzzjoni ta' provi godda

f'dan l-istadju. Mill-banda l-ohra, fil-Kap. 276, ma jidher li hemm l-ebda limitazzjoni jew restrizzjoni fuq il-kontendenti illi jivverifikaw u jikkontrollaw il-provi prodotti fi stadju ta' appell mill-kontro-parti jew ukoll illi jigu awtorizzati illi jipproducu provi ohra biex jirribattu u jikkontradixxu tali provi f'dak l-istadju inoltrat tal-proceduri.

L-appellanti jilmentaw li bhala konsegwenza ta' produzzjoni ta' provi godda f'dan l-istadju tal-appell, huma kienu ser jigu mcahhda minn dritt tad-doppio ezame. Dan id-dritt, jekk verament jista' jigi hekk imsejjah, certament bl-ebda mod ma jista' jigi kwalifikat bhala kostitwent tal-jedd fondametali ta' smiegh xieraq u biex jigi assigurat "due process". Fil-verita' kif hu risaput, lanqas hu konstitwent ta' dan il-jedd id-dritt ta' appell b'dan illi l-gurisprudenza Ewropeja in materja tezigi illi, jekk dritt ta' appell statutorju jinghata, l-proceduri f'dak l-isatdju kellhom ikoll jirrispettaw bis-shih il-garanziji li jezigi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

In konkluzjoni allura din il-Qorti, filwaqt li tirribadixxi illi l-persuna li kontra taghha qed tintalab l-estradizzjoni tgawdi mill-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ghal smiegh xieraq <u>fil-kors tal-proceduri li ghaliha hi kienet skond il-ligi intitolata</u> ma ssibx illi l-artikolu 22(3) tal-Kap. 276 kien b'xi mod leziv ta' dan il-jedd fondamentali. Din il-Qorti taghmel rikjam ghal dak li kkunsidrat fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Satariano vs Avukat Generali et" minnha deciza fit-28 ta' Novembru 1997 fejn irriteniet "Infatti din il-Qorti, minghajr ebda ezitazzjoni ta' xejn, filwaqt illi hija ben konxja illi l-kuncett ta'

estradizzjoni storikament kien essenzjalment process ezekuttiv u mhux wiehed gudizzjarju u f'certu sens kien espressjoni ta' *act of state*, cioe' espressjoni ta' sovranita' ta' Stat li lilu ssir talba ghal estradizzjoni, maz-zmien intlibbes vesti mista ta' ezekuttiv u gjudizzjarju flimkien, fis-sens illi llum, prattikament hija l-prattika universali, del resto inkorporata fil-Kostituzzjoni taghna illi ghandu jkun hemm dejjem proceduri gudizzjarji stabbiliti 'ad hoc' illi ghandhom jigu segwiti bhala l-process ordinarju biex tigi akkordata talba ghal estradizzjoni minn Stat iehor. …….. Illum huwa inkoncepibbli, anki ghax il-Kostituzzjoni tipprojbih, illi jkun hemm estradizzjoni deciza mill-Istat minghajr il-process gudizzjarju li ghandu jistabbilixxi qabel kollox li jokkorru l-elementi kostituttivi tal-ligi li jiggustifikaw li ssir l-estradizzjoni."

Il-persuna li kontra taghha jintalab il-hrug ta' ordni ta' estradizzjoni kellha allura d-dritt sostantiv illi tuzufruwixxi u tghaddi minn dawn il-proceduri gudizzjarji. Proceduri gudizzjarji li certament kellhom jizvolgu fir-rispett shih ta' garanzija kostituzzjonali u konvenzjonali fir-rigward ta' smiegh xieraq. Kif inghad, pero', certament ma jokkorrux mill-fatti li minnhom jilmenta l-appellant u li jinkwadraw ruhhom fis-subinciz 3 tal-artikolu 22 tal-Kap. 276, dawk l-estremi jirrendu dik id-disposizzjoni inkompatibbli mal-kostituzzjoni u mal-konvenzjoni. Certament mhux fiha nfisha u a priori.

Hu infatti sinifikattiv illi l-appellant mhux jadduci bhala premessi ghat-talbiet tieghu l-inkompatibbilita' kostituzzjonali ta' dan il-provvediment u

donnu qed jinsisti biss illi fil-kaz tieghu l-applikazzjoni ta' dan id-dispost mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ammissjoni tal-provi godda da parti tal-Avukat Generali kienx ser ikun ta' pregudizzju determinanti ghad-dritt tieghu ta' smiegh xieraq. Kienet allura ghaqlija l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi rriteniet illi t-talbiet tar-rikorrent kienu manifestament prematuri u intempestivi in kwantu r-rimedju kostituzzjonali kellu jkun se mai accessibbli lill-appellant – kif l-istess Kap. 276 saggjament jipprevedi u jikkoncedi - wara li jkunu gew konkjuzi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u meta allura l-valur u l-konsistenza tal-provi prodotti f'sede ta' appell setghu jkunu valutati u apprezzati. Dan ukoll fl-isfond u bl-applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tad-dritt aktar 'il fuq f'din is-sentenza espressi. Jigi wkol notat illi r-rimedju kostituzzjonali indikat fil-Kap. 276 imur oltre l-garanzija ghal smiegh xieraq moghtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jinvesti wkoll bosta jeddijiet fondamentali ohra li setghu talvolta jigu invokati u dana apparti disposizzjonijiet ohra tal-Kostituzzjoni li persuna li taghha tintalab l-estradizzjoni setghet tinvoka favur taghha si et quatenus. Gustament allura l-ewwel Qorti ghazlet li ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali u ma qiesitx aktar dan il-kaz u helset lill-intimati mill-harsien tal-gudizzju. Din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghaliex kellha tiddisturba l-esercizzju ta' din id-diskrezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni lill-ewwel Qorti li tirrizulta ben motivata u fondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrent appellant.

Dep/Reg mg